# Id-Dawl ta' Kristu li jġib Ħelsien

**(Diskors dwar l-Ispiritwalità tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li sar waqt il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-65 Anniversarju minn mewtha, fil-Knisja tal-"Casa Madre" ta' l-istess Sorijiet – 22 ta' Jannar 2017)**

## Daħla

Qed niċċelebraw it-Tielet Ħadd matul is-Sena Liturġika A, u l-Qari jippreżentalna lil Ġesù bħala dawl li jdawwal id-dlam tad-dinja u li jġib ħelsien veru lil dawk li jagħżlu li jimxu f'dan id-dawl. Infatti smajna wkoll kliem il-Profeta Iżaija li taħt ix-xbieha ta' dawl li jiddi f'art id-dlam, iħabbar il-ħelsien bi xbihat li kienu jiftehmu sewwa dakinhar u għadhom jiftehmu wkoll illum, ħelsien, dakinhar minn taħt il-ħakma iebsa tal-Assirja, u bi Kristu, minn taħt il-ħakma kiefra tax-xitan: *"Għax il-madmad li kien itaqqlu, u l-ħatar ta' fuq spallejh, int kissirthom bħal f'jum Midjan".* Min-naħa l-oħra, fit-tieni parti tal-Vanġelu, Mattew jurina biċ-ċar l-ispirtu ta' ħelsien li bih l-Appostli, Pietru u Indrì ħuħ u l-aħwa l-oħra Ġakbu u Ġwanni, wieġbu għas-sejħa li għamlilhom Ġesù u *"minnufih"* telqu kollox biex marru wara Ġesù. Dik il-kelma *"minnufih",* imtennija darbtejn, tfisser kemm tassew dawn l-erba' Appostli ħassewhom ħielsa biex iwieġbu għas-sejħa li saritilhom minn Ġesù.

Il- Ġiżwita Carlos Valles, imwieled fi Spanja u ħadem għal snin twal fl-Indja, fil-ktieb tiegħu *"Do not Fear"*, jirrakkonta ġrajja ta' meta darba kien għaddej minn foresta fl-Indja. Kien bir-rota u lemaħ għasfur, saħħtu mitlufa quddiem kobra. Bl-għajnejn ċassi tagħha l-kobra rnexxielha tipparalizzah bil-biża' li nisslet fih. L-għasfur ma kienx għadu ġie ferut. Ġwenħajh kien għadhom sħaħ. Seta' jaħrab. Seta' jtir. Is-smewwiet kienu kollha lesti għalih. Kulma ried jagħmel hu li jferfer ftit gwenħajh u jitlaq. Ġismu kien kapaċi jagħmilha bi ftit sforz, iżda moħħu kien imtappan, kien beżgħan. U l-biża ngazzah f'dak il-post. Għamlu lsir ta' dik il-kobra, seraqlu kull ħelsien. Intelaq għall-mewt.

Valles ikompli jgħid li dak il-ħin hu għajjat għajta qawwija u ħasadhom it-tnejn. Mal-għajta tiegħu, is-seħer tal-mewt li kien waqa' fuq l-għasfur għeb. Il-kobra ma baqgħetx b'għajnejha ffissati fuq l-għasfur u tatu ċans jaħrab. Valles ikompli jgħid li hu ma għamel xejn speċjali biex ħeles lill-għasfur. Kull ma għamel għajjat u l-għasfur tajjar il-biża li kien qed jassru u ħeles lilu nnifsu u tar.

## Madre Margerita

Qed nibda dawn il-ħsibijiet tiegħi dwar id-dawl ta' Kristu li joffrielna ħelsien sħiħ, f'din iċ-ċelebrazzjoni tal-65 Anniversarju mill-Mewt tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, b'din il-ġrajja, għax il-Missier Alla,

f'imħabbtu għalina, biex inkunu nistgħu ngħixu tassew il-ħelsien li hu stess offrielna bħala wliedu, il-ħelsien ta' wlied Alla, għoġbu jgħajjat għajta qawwija li fiha semma l-isem ħlejju "ĠESÙ" u b'hekk tana l-kapaċità li ngħixu ta' wlied ħielsa, li ntiru lejn is-sema pajjiżna. Dan il-ħelsien ħareġ mid-dawl li xegħel fostna Ġesù stess li qalilna *"Jiena d-dawl tad-dinja, min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja"*(Ġw.8, 12). Minħabba f'hekk, San Pawl ifakkarna, *"Intom ġejtu msejħa għall-ħelsien"* (Gal.,5:13), filwaqt li S. Pietru jinkuraġġina: *"Għixu bħala nies ħielsa"*(!Pt.,2:16).

L-istess Venerabbli Margerita, konxja tassew mill-ħtieġa ta' dan il-ħelsien li bih dawwalna Kristu meta fdiena u mliena b'kull xorta ta' ġid spiritwali, fil-kitbiet u fit-tagħlim tagħha, kienet bla waqfien tħeġġeġ *"għad-distakk assolut mid-dinja kollha u minn kulħadd"*(L143). Lis-Sorijiet tagħha, li fil-voti tal-kastità, tal-faqar u tal-ubbidjenza għandhom l-aqwa mezzi biex jgħixu awtentikament dan il-ħelsien spiritwali, kienet spiss tistedinhom, *"biex imutu għall-ġudizzju tagħhom u għall-għażliet ħielsa tagħhom u biex ma jixtiequ xejn, ħlief li jkunu sorijiet tassew u mhux bin-nofs"*(L87). Madre Margerita kienet intelliġenti biżżejjed biex tifhem li l-ħelsien veru jinsab mhux f'li tagħmel dak li jogħoġbok, dak li tagħżel int skont il-gosti tiegħek,  jew dak li jfettillek, imma f'li tfittex il-verità tar-rieda ta' Alla kif imwassla mid-dawl ta' Kristu. Kien proprju minħabba f'hekk li l-Liturġija ta' dan il-Ħadd qed tgħaqqad flimkien id-dawl u l-ħelsien li wasslilna Ġesù Kristu, il-Feddej tagħna. Għad-dawl ta' Kristu, il-Madre Fundatriċi għarfet sewwa li d-dinja, il-jien bil-ġudizzji tiegħu u bl-għażliet ħielsa tiegħu, mhux ħlief jeqirdu l-ħelsien veru u joffru biss skjavitu, jasar.

Meta mbagħad, inkomplu nirriflettu dwar kif il-Venerabbli Fundatriċi ħaddmet fil-prattika u għexet, il-ħelsien veru li jiġi mid-dawl ta' Kristu, naslu biex ninnutaw tliet aspetti mportanti fl-ispiritwalità tagħha li biex tgħixhom trid tkun tgħożż tassew il-ħelsien veru minn kollox.

**Il-"Fiat" ħieles**

Ninnutaw, l-ewwelnett kif dejjem fittxet li ttenni b'mod prattiku l-*"Fiat"* tagħha għar-rieda ta' Alla. Irridu ngħidu mall-ewwel li biex itteni 'l Alla dan il-*"Fiat – Ikun li trid Int",* f'kull sitwazzjoni tal-ħajja, irrid ikollok tassew spirtu ta' ħelsien veru minn kollox, anke mir-rieda personali tiegħek. F'ittra tal-1921  kitbet *"Dejjem Fiat! Grazzi għat-twajjeb Ġesù tagħna qatt ma naqasni l-kuraġġ u lanqas ir-rassenjazzjoni"*(L.16). Il-kuraġġ juri ħelsien mill-biża', filwaqt li r-rassenjazzjoni hi ħielsa mill-qtigħ ta' qalb. Darb'oħra stqarret: *"Il-wisq għażiż Fiat jeżerċitani bla waqfien f'abbandun ħelu, mingħajr ebda sentiment"*(L.49): trid tkun mimlija b'ħelsien veru minn kollox biex ebda sentiment ma jfixklek int u tintelaq għal kollox biex tħalli 'l Alla jagħmel hu. Hi u tgħallem il-ħtiega tal-*"Fiat"*, lill-oħrajn, kienet tinsisti li dan għandu jkun ħieles minn kollox: *"Iva, intennu dejjem l-għażiż Fiat. Imma bil-kuraġġ u bil-ferħ u mhux bil-biki u t-tnehid"*

(L.143)*;* darb'oħra għallmet il-ħelsien anke minn xi għejja, *"Dejjem tennu l-imqaddes Fiat bla ma tgħejjew"* (L.142). Fuq kollox kienet turi l-importanza tal-*"Fiat"* ħieles minn kull kundizzjonament: infatti fl-1930 kitbet lil waħda mis-Sorijiet tagħha, *"tenni b'dispożizzjoni qawwija il-ħelu Fiat mingħajr jekk, mingħajr imma"*(L.128).

**Abbandun ħieles minn kull xkiel**

Ninnutaw ukoll dan l-ispirtu ta' ħelsien spiritwali f'karatteristika oħra mportanti tal-ispiritwalità tal-Venerabbli Margerita: kienet għal kollox ħielsa biex dejjem u f'kull sitwazzjoni tintelaq bis-sħiħ fit-tmexxija tal-Providenza Divina. Fl-1941, meta, kif fissret hi stess kienet għaddejja minn żminijiet diffiċli, *"id-dmugħ hu għalija ikel ħelu, imma d-dlamijiet qed jgħaffġuni... miżerja u tajn li ma jirnexxilix nagħmel l-iċken sagrifiċċju"*(L.40), kienet kapaċi tinħall u teħles minn dan kollu bil-qawwa tal-atteġġjament *"imma tkun magħmula dejjem fija, ir-rieda wisq qaddisa"*(L.40). Meta kienet tesperimenta dan l-eżerċizzju ta' abbandun spiritwali kienet tħoss ċerta kalma f'ruħha, kif fissret f'ittra tal-1920, *"Oh! X'kalma tgawdi ruħna meta tħalli lilha nfisha mitluqa għal kollox fil-ħarsien tat-twajjeb Ġesù tagħna"*(L.80). Lis-Sorijiet tagħha kienet tittrenjahom f'dan l-ispirtu ta' ħelsien spiritwali, ħelsien mimli kuraġġ u fiduċja fil-Providenza: *""Agħmel kuraġġ u ġġibx ruħek bħal tifla żgħira",* kitbet fl-1922 lil waħda mis-Sorijiet, *"imma, bħala għarusa qawwija, intelaq għal kollox fil-ħelu Għarus u dan ikun biżżejjed"*(L.143). F'dan l-ispirtu ta' abbandun spiritwali, ħieles minn kull qtiegħ ta' qalb u minn xi preokkupazzjonijiet oħra, il-Venerabbli Fundatriċi, kienet tara l-aħjar mod kif tgħix il-vokazzjoni tal-imħabba li għaliha kienet tħossha msejħa flimkien ma' l-ulied spiritwali tagħha. Araw ftit x'kitbet fl-1921 lid-Direttur Spiritwali tagħha: *"Nitolbok tgħinni ninħeba sewwa fil-fond tal-Qalb Qaddisa tal-Maħbub waħdieni tagħna, biex ngħixu flimkien il-ħajja tal-imħabba safja billi nabbandunaw ruħna għal kollox, bla ma nerġgħu lura u għal dejjem fil-ħarsien patern tal-Providenza tiegħu"*(L.16).

**Ħelsien għall-Apostolat**

Ninnutaw ukoll, fl-aħħarnett, l-ispirtu ta' ħelsien imdawwal minn Kristu, li l-Venerabbli Fundatriċi wriet fil-ħeġġa li kellha biex mhux biss tħobb l-Imħabba billi ttennilha l-*"Fiat"* u tintelaq għal kollox fit-tgħannieqa kollha mħabba tagħha, imma wkoll biex tagħmilha magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien. Dan kien il-għan ta' ħajjitha: għalih iddedikat ħajjitha bl-enerġija kollha tagħha: għalih ħallitilna l-aqwa tifkira tagħha, il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.

Fil-kitbiet tagħha nsibu xhieda mill-aqwa tal-ħelsien tagħha minn kollox biex taqdi dan l-iskop ewlieni ta' ħajjitha. Naqraw, b'eżempju: *"Inħoss għatx imħeġġeġ għall-erwieħ: iva, nħossni naqbad. Oh!, iva, għażiż Missier",* kitbet lid-Direttur Spiritwali tagħha, *"nagħmlu kull sagrifiċċju*

*biex inkebbsuhom bl-imħabba safja, biex ngħallmuhom jitbiegħdu mill-frugħa tad-dinja ħażina... ħalli jkunu jistgħu jħobbu u jiggustaw kemm hi ħelwa l-imħabba"*(L.7). F'ittra tal-1891, kitbet lil waħda mis-Sorijiet: *"Oh! Li kieku nista' nħalli ħajti fil-ħidma li nwettaq fil-komunità għall-imħabba tal-Għarus waħdieni tiegħi! Oh! Kemm kont immut hienja!* (L.130). Il-Venerabbli Fudatriċi kienet tassew konxja dwar il-ħtieġa ta' ħelsien minn kull rabta dinjija fit-twettiq tal-apostolat: darba fissret ruħha hekk: *"Neħtieġu qawwa u spirtu ta' sagrifiċċju kbir u ta' żelu mħeġġeġ ħafna għall-erwieħ... Oh! Kieku kellna mħabba vera lejn il-Maħbub tagħna Ġesù, kemm konna nissagrifikaw ruħna kollha biex insalvawhom!!!"*(L. 20).

F'din l-okkażjoni ta' llum, kellna ċ-ċans ninnutaw l-ispirtu ta' ħelsien spiritwali li kienet tħaddan il-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, spirtu ta' ħelsien li dejjem xtaqet timla bih lill-ulied spiritwali tagħha u lil kull min, bħalha, jixtieq iħobb tassew l-Imħabba u jagħmel ħiltu biex tkun magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien.

**Ħielsa biex ittir lejn Pajjiżha**

Imma, fuq kollox, minbarra dan l-ispirtu ta' ħelsien spiritwali li kienet tħaddan hawn fl-art, il-Venerabbli Fundatriċi kienet bla waqfien tixxennaq bis-sħiħ li tasal għall-ħelsien sħiħ u dejjiemi fis-sema, qrib l-Għarus Maħbub tagħha. Minħabba f'hekk mhux ħlief kienet tittama, kif darba kitbet lid-Direttur Spiritwali tagħha: *"Meta se jiġri li l-ispirtu tagħna mhux ħlief jieħu n-nifs tal-ħajja kollha mħabba li tikkonsma kollox? Ah! Ir-ruħ li tixxennaq l-Imħabba ma tistax issib mistrieħ f'dan l-eżilju".*(L.29).

Minħabba din ix-xewqa kbira li kellha, li tittajjar lejn il-ħelsien sħiħ u ta' dejjem fil-ġenna, kif xehdu dawk li kienu madwarha fl-aħħar ħinijiet ta' ħajjitha, ftit qabel mewtha, mat-tbexbix tat-22 ta' Jannar 1952, fuq is-sodda tal-kamra fqajra tagħha hawn, ftit passi 'l bogħod minna f'din il-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni tagħha, ħarġet karba qawwija: *"Ħalluni mmur. Ma niflaħx iżjed. Ħalluni mmur".* U, kif nafu, marret biex ħielsa minn kollox f'din id-dinja, tithenna bil-ħelsien sħiħ, veru u dejjiemi fis-sema. Dan kollu kien, eżattamenmt 65 sena ilu. Għalhekk qegħdin hawn, illum, biex infakkru din il-ġrajja.

**Għeluq**

Imma, fuq kollox, aħna u nfakkru dil-ġrajja b'sentimenti ta' radd il-ħajr 'l Alla li tana persuna ta' dimensjonijiet spiritwali mill-aqwa, ejjew nitgħallmu mill-eżempji u mit-tagħlim tagħha l-ħtieġa li aħna wkoll inkunu tassew ħielsa minn rabtiet li jfixkluna. Mhux darba u tnejn insibu ruħna marbutin u mxekklin bis-sħiħ ma' xi ħaġa tad-dinja, mal-"jien" tagħna, ma xi deċiżjoni li nkunu ħadna għax hekk ikun jaqblilna. Ejjew illum, nisimgħu sewwa dak li darba l-istess Madre Fundatriċi kitbet f'waħda mill-ittri tagħha: *"ma nieqfux ninsistu li qalbkom tkun spiritwalment*

*ħielsa, distakkata mill-ħlejjaq kollha, l-aktar minnkom infuskom... biex narawkom tassew innamrati mal-Għarus Imsallab Ġesù, imġienen bl-imħabba għall-Prigunier Divin tal-imħabba"* (L. 117). Ammen.

**+++++++++++++++++++++++++++++++++**

## TALBA TAL-FIDILI

**Daħla:** Aħna u nfakkru b'radd il-ħajr il-ħamsa u sittin sena mill-mewt glorjuża tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, ejjew nitolbu lill-Mulej Alla biex idawwalna ħalli nagħrfu ngħixu ħielsa minn kull rabta li xxekkilna fil-mixja spiritwali tagħna.

1. Mulej Alla, Int id-dawl li jdawwal id-dlamijiet tad-dinja: kompli xerred dan id-dawl tiegħek permezz tal-Knisja tiegħek, ħalli lkoll nagħrfu nagħmlu l-aħjar għażliet fil-mixja spiritwali tagħna, kif għamlet il-Venerabbli Qaddejja tiegħek, Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, **nitolbu,**
2. Mulej Alla, Int dawwalt lill-Qaddejja tiegħek, il-Venerabbli Margerita u wrejtha l-ħtieġa ta' ħelsien sħiħ biex tkun tista' taqdik u tħobbok bl-aħjar mod possibli: nitolbuk, għall-merti tal-ħelsien sħiħ li bih qdietek u xehdet għal imħabbtek, fittex ibgħatilna sinjal mis-sema li jdawwal lill-Knisja biex tasal għall-Beatifikazzjoni tagħha, **nitolbu,**
3. Mulej Alla, Int iddawwal lil dawk li tagħżel u twassalhom biex ikunu ħielsa minn dak kollu li jfixkilhom fl-għażliet tagħhom: hekk għamilt mal-Appostli tiegħek u mal-Qaddejja tiegħek, il-Venerabbli Margerita: dawwal ukoll lilna biex neħilsu minn dak kollu li jxekkilna fil-qadi tiegħek, **nitolbu,**
4. Mulej Alla, Int tajtna eżempju ċar tad-dawl tiegħek li jwassal għal ħelsien veru fil-mod kif il-Venerabbli Margerita kienet ittennilek il-*"FIAT"* tagħha u fl-abbandun sħiħ tagħha għas-sejħat ta' mħabbtek: nitolbuk, għinna nitgħallmu minnha l-ħelsien veru ta' wlied tiegħek, **nitolbu,**
5. Mulej Alla, Int wassalt lill-qaddejja tiegħek Margerita għall-ħelsien sħiħ li għalih hi kienet tixxennaq bla waqfien tul ħajjitha kollha: wassal, nitolbuk, lill-ħutna u qrabatna kollha mejtin biex igawdu dan il-ħelsien sħiħ fil-glorja tiegħek, **nitolbu,**
6. Mulej Alla, il-Venerabbli Margerita kienet tħossha għal kollox ħielsa biex tħobb l-Imħabba u biex tistinka ħalli tagħmilha maghrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien: għinna biex ma nħallu xejn ifixkilna fil-ħidmiet kollha tagħna li bihom nistgħu nxerrdu l-kobor ta' mħabbtek fost kulħadd, **nitolbu,**

**Għeluq:** Mulej Alla li tista' kollox, Int fil-Magħmudija tagħna sawwabt fi qlubna dak il-ħelsien veru li jwassalna biex nissejħu u nkunu tassew uliedek: agħmel, nitolbuk, li din it-tifkira tal-Mewt tal-Venerabbli Margerita, timliena bil-kuraġġ biex fuq bl-eżempju taghħha u bl-interċessjoni tal-talb tagħha, niddawlu b'dak il-ħelsien veru li jagħmilna tassew uliedek. Bi Kristu Sidna. Ammen.

***Dun Ġużepp Gauci***

***22/1/2017***